# Kunsill Lokali Ħal Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404.
Telefon : 21689168, 21641487, 21640290 Fax : 21689796
E-Mail : safi.lc@gov.mt Web Page : www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru tmienja u erbgħin (48) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ħamis, 21 ta' Jannar, 2010, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS), fil-5:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Deputat Sindku |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Derren Busuttil | Segretarju Eżekuttiv |
| | Dorianne Zammit | Skrivana |
| | Anthony Bonello | |

1. Is-Sindku, **Pietru Pawl Busuttil, ippresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

2. Hu ta **merħba**, flimkien mal-kunsillieri, **lis-Segretarju Eżekuttiv** il-ġdid, Derren Busuttil.

3. Anthony Bonello qara l-**minuti tas-seduta** preċedenti. Dawn sarulhom il-korrezzjonijiet li dehrilhom xierqa l-kunsillieri, ġew inizjalati fejn kull korrezzjoni, approvati u ffirmat.

4. Dwar il-proposta ***CCTV camera*** biex titpoġġa fil-ġnien biswit il-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, intqal illi jekk din tinxtara minn pajjiż barra mill-Unjoni Ewropeja, nidħlu fi ħlasijiet ta' 60% *shipping* flimkien ma' 18% VAT. Dwar ix-xiri ta' din is-CCTV camera, Eddie Bonello qal li l-istabbiliment rinomat bl-isem *Maplin* għandu dan l-apparat għal 399 liri sterlini.

5. Dwar id-dewmien fil-**ħarġa tal-fuljett** intqal illi ħsibna tard wisq biex għaddejna l-materjal lill-istampatur, minkejja li dan dam ukoll ma qdiena. F'dan il-waqt intqal, li qabel kien jieħdu lest bl-issettjar b'kollox, minkejja li Anthony Bonello qal li stampaturi oħra f'daqstant perjodu ta' żmien laħqu ssettjawh u stampawh. Jimmy Busuttil qal li jekk terġa' tiġri, hu ma jaqbilx li noħorġu l-fuljett bl-awguri għall-Milied wara li dan ikun diġa' għadda, minkejja l-apoloġija li għamel il-KLĦS mal-pubbliku fuq *flyer* separat fejn stqarr li dan id-dewmien ma kellux kontroll fuqu. Eddie Bonello qal illi l-karta tal-pubblikazzjoni hija superjuri wisq, peress li din hija ta' ħxuna ta' 135gramms u għanda tkun ta' 90gramms bil-cover ta' 135gramms. Ġie deċiż għalhekk li l-ħarġa li jmiss toħroġ għal nofs Ġunju 2010 u fiha jidhru l-attivitajiet li jkunu seħħew f'Jum Ħal Safi. Kienu diskussi wkoll il-possibilta' li nintegraw reklami fil-ħarġa li jmiss. Dawn se jagħmlu tajjeb għal parti mill-ispejjeż. Intqal li hemm ukoll xi kunsilli lokali, li qed jagħtuh lil kuntrattur, li jkun imqabbad jiġbor ir-reklami huwa stess u jieħu ħsiebu mill-bidu sa' l-aħħar.

6. Dwar il-**kontijiet pendenti li għandna mal-Perit Robert Musumeci,** is-SE ġabar fuq skeda dak kollu li jidher li hemm pendenti. Dawn ġew diskussi flimkien mal-Offerta Pubblika li se jerġa' joħroġ mill-ġdid il-Kunsill biex jagħmel l-*embellishment* ta' Misraħ San Ġużepp. Il-KLĦS ra li l-istima tagħha li tammonta għal €66,909.15 u qal li hija għolja wisq.

7. Kienet diskussa l-proposta tad-Dipartiment ta' l-Indafa Pubblika (PCD), f'dawk li huma servizzi ta' **tindif ta' toroq urbani.** Dan propju wara l-ittra li konna irċevejna minn għand id-direttur fejn talabna rati eżorbitanti biex inġeddu l-kuntratt. Is-Sindku, mill-indaġni li għamel, ta l-parir lill-KLĦS, illi nibqgħu ma nidħlux għal piżijiet ikbar ta' spejjeż fiż-żamma tat-toroq urbani. Hu żied jgħid li d-direttur PCD, fil-fatt m'għandu l-ebda approvazzjoni mit-Teżor biex jgħolli r-rata tal-kuntratt.

8. S'issa għad m'għandna l-ebda risposta għat-talba li għamel il-Kunsill sabiex **jiżdiedu l-etajiet tat-tfal li jattendu n-*Nursery*** tal-Kunsill. Din kienet waħda mill-miżuri meħuda b'riżultat tal-laqgħa li kienet inżammet ftit tax-xhur ilu fis-sala tal-komunita' mal-ġenituri tat-tfal li jattendu n-*nursery* biex ma jitilqux *players* minn Ħal Safi u jmorru jilgħabu ma *clubs* oħra ta' lokalitajiet viċin.

9. Dwar l-**infurzar tal-liġijiet**, Jimmy Busuttil staqsa għal rendikont ta' kemm taw ċitazzjonijiet il-gwardjani lokali matul dan l-aħħar xahar. Dan ir-rapport jista' jitla' mis-sistema tal-uffiċċju minn fuq kull logger, u għaldaqstant se tkun provduta. Intant intqal illi fi Triq iż-Żurrieq fejn il-*confectionery,* kantuniera ma Triq Dun Karm Lija, xorta għadu jkun hemm il-parkeġġ bl-addoċċ, minkejja li sorprendentement, it-*trailers* telqu kollha minn Triq il-Kuċċard. Issemmew inċidenti iżolati oħrajn f'inħawi oħra tal-villaġġ.

10. Kien innotat li l-**ADT reġgħet waħħlet il-bus stop** fi Triq iż-Żurrieq. Il-kunsillieri qalu li ġaladarba l-problema ħolquha huma, il-Kunsill ser jistenna r-riforma tat-trasport pubbliku qabel ma tittieħed xi deċiżjonijiet mgħaġġla. Wara kollox dan il-bus stop ilu jeżisti hemm għaxriet ta' snin u għalhekk id-deċiżjoni tiflaħ tistenna ftit ieħor. Dan għandu jkun komunikat mal-ADT.

11. Kienu diskussi l-**linji s-sofor** li kienu proposti biex isiru biswit is-Salib tad-Dejma. Wara li tlabna lill-ADT u dawn ma tawna risposta ta' xejn, issa dawn saru mill-Kunsill u b'hekk solvejna l-problema ta' mblokk minn vetturi ta' dawk li kienu qed jipparkjaw bl-addoċċ kapriċċożament u kulħadd sejjer għax-xogħol tard imwaħħal fit-trasport pubbliku madwar l-Għassa tal-Pulizija.

12. Dwar il-**kaxxa tat-telefon** il-ġdida proposta flok dik biswit l-għassa tal-pulizija, se nagħmlu aktar insistenza mal-kumpanija *Go plc*. F'dan il-waqt intqal li hemm bżonn li tinkiteb ittra oħra ta' protesta lic-Chairman tal-*Go plc* dwar dak li ġara dan l-aħħar fuq il-ħlasijiet tal-kontijiet tat-telefon li ħallsu n-nies fl-uffiċċju tal-KLĦS. Dawn, minkejja li ħallsu fil-pront, irċevew kontijiet bil-*late payment*

*charges* meta Dorianne Zammit qalet illi l-flus kienu depożitati fil-ħin minn dan l-uffiċċju. Dwar dan xi kunsillieri qalu li jekk il-*Go plc* ma tieħux ir-rimedji kollha li hija obbligata tieħu, se tkun qed tistenna li nesponuhom fil-gazzetti.

13. L-arbli tad-dawl sabiex jeħlu magħhom il-**lanterni l-ġodda** issa twaħħlu minn Angelo Schembri faċċata tal-ġnien Dun Karm Vella. Hu ttamat li fil-jiem li ġejjin jitwaħħlu l-lanterni mill-kumpanija Nexos Street Lighting, u tiżdied l-illuminazzjoni f'din iz-zona.

14. Inqata' l-ħaxix minn bejn il-fili tat-tapit ta' sigurta' li hemm taħt il-logħob tat-tfal tal-bandli. Il-**ħaddiema tal-Kunsill neħħew ukoll il-periklu** li ssemma' fil-laqgħa preċedenti, b'pjanċi li nqalgħu miz-żurżieqa (*slide)* u li kienet perikoluża.

15. Is-Sindku talab **appuntament ma' l-Onor Chris Said** biex jappuntalna persuna mill-MEUSAC ħalli tikber il-possibilta' li l-fondi tal-Kunsill jiżdiedu permezz ta' fondi addizzjonali mill-Unjoni Ewropeja. Dan l-appuntament ingħata għal nhar id-29 ta' Jannar, 2010 fis-2.00pm.

16. Se tintbgħat **stedina lill-Onor Dr Chris Said**, Segretarju Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, biex nistiednuh minn issa jattendi s-serata Premju Onoreficenza għall-Jum Ħal Safi. Se jinġiebu stimi wkoll biex artisti lokali jagħtuna xi servizzi ta' entertainment, sabiex jissottomettu l-istima tagħhom għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

17. Dwar l-istima tar-**restawr tan-niċċa tad-Duluri**, ir-restawratur Frank Chetcuti ta żewġ għażliet. Dik biex tinżebagħ kemm in-niċċa kif ukoll l-istatwa, kif ukoll sabiex din titqaxxar u nġibuha ġebla. Hawn intqal illi din l-istatwa minn dejjem miżbuha nafuha u għalhekk għandha tibqa' kif inhi. Il-Kunsill approva l-istima ta' €600 biex tinżebagħ u injora dik tat-tqaxxir li kienet tammonta għal €1,200. L-istima ma tinkludix l-armar ta' *scaffolding* u lanqas fiha referenza jekk il-VAT hix inkluża jew le. Pietru Pawl Busuttil żied jgħid li fil-ħajt ta' din in-niċċa hemm it-toqob tal-ħadid li kien jintrama' biex fuqu jitpoġġa it-tavlun u r-restawratur ikun jista' jaħdem mingħajr il-bżonn li jintrama' *scaffolding*.

18. Kien hemm **sospenzjoni ta' l-agenda** fis-6:40pm peress li l-Perit Robert Musumeci kien informalment mistieden li jattendi għal din is-seduta u dan tfaċċa f'dan il-ħin. Wara l-ħruġ tal-permess tal-MEPA aktar kmieni din is-sena, fil-21 ta' Diċembru, 2009, irċevejna oġġezzjonijiet ġodda mill-Mepa peress li konna żidna parkeġġi perpendikulari mal-bankina ta' Misraħ San Ġużepp. Fil-kummenti tagħhom kien reġistrat illi dawn jikkontribwixxu għal periklu (*hazard*). Kien hemm ukoll oġġezzjoni wkoll għar-rampa biswit dawn iż-żewġ parkeġġi. Kif ukoll kien hemm il-proposta tal-MEPA sabiex bejn rampa u oħra, jkun hemm *zebra crossing.*

19. Dwar id-***drafting* mill-ġdid tal-offerta pubblika,** ta' l-*embellishment* ta' Misraħ San Ġużepp, Robert Musumeci qal li hu ħa in konsiderazzjoni dak kollu li ntqal

dak in-nhar li kien ġie jiddiskuti f'laqgħa oħra tal-Kunsill dan il-proġett. Hu ġab *sample* ta' pavimentar li fil-fatt hija biċċa minn *granular based paving block 40cm x 40 cm* li l-forniment tagħha (mingħajr it-tqegħid) huwa ta' €21, li hija ferm inqas mid-€90il-metru li jiswa' l-porfido. Hu xorta żamm l-ispeċifikazzjonijiet l-oħra, jiġifieri li l-kurduna tkun tal-ġebla tal-qawwi. Il-pjanti li esebixxa huma b'diżinn differenti minn dak oriġinali u dan se jkun kundizzjoni oħra għall-offerent-jiġifieri li d-diżinn jista' jinbidel. Infatti se nissalvagwardjaw lilna nfusna illi jekk ma jsirux l-affarijiet kollha (inkluż l-ammonti) li hemm fit-tender, isiru l-aġġustamenti meħtieġa. Il-Perit se jibgħat bejn illejla u għada stimi ġodda, għaliex dawk li bagħat b'e-mail kienu żbaljati. Il-budget tal-proġett mhux se jaqbeż il-€50,000.

20. Proġett ieħor li kien diskuss hu dak tat-**tpoġġija ta' balavostri fuq iz-zuntier** tal-Knisja. Dan il-bżonn inħass wara li ftit tas-snin ilu l-proġett ma kienx tkompla mill-Ministeru ta' dak iż-żmien. Il-Perit Musumeci qal li dan jirrikjedi permess tal-MEPA minkejja li kienu jeżistu ħafna żmien ilu. Dawn il-balavostri se jsiru minn materjal tal-qawwi, u l-bibien iridu jitwessgħu. Għaldaqstant intqal illi l-aħjar hu li wieħed jiltaqa' fuq il-post ħalli jsir survey qabel ma tkun mitfugħa l-applikazzjoni l-MEPA. Hu se jagħtina stima ta' dan is-survey li ma jsirx mill-uffiċċju tiegħu u offra lill-Kunsill biex jekk għandu lil xi ħadd li jista' jagħmillu dan, jipproċedi.

21. Dwar il-***flood relief project*** **tal-Karwija,** il-Perit Robert Musumeci minkejja li esebixxa l-pjanti tal-*existing facilities*, qal li dan mhux proġett li jiflaħ jagħmlu Kunsill Lokali għaliex jinvolvi fondi kbar ħafna. Il-*Malta International Airport*, minn naħa tagħhom, jidher li ma tantx iridu piż, u anke jekk tinbena ġiebja enormi, bl-ammont ta' ilma tax-xita li jinġabar hemm, din se tfur malajr. Intant l-l-overflow irid jibqa' sejjer bil-katusi għal tul konsiderevoli. Tant li jrid jaqbeż iċ-ċimiteru ta' Ħal Kirkop biex l-ilma jingħaqad ma' dak li jinżel taħt il-mina u jibqa' sejjer. Minn kalkuli li saru dak il-ħin jirriżulta li dawn il-katusi ta' l-*overflow* iridu jinżlu f'xi postijiet minnhom għal madwar sular u nofs 'l isfel taħt it-triq biex l-ilma jinżel bil-gravita'. Kien hemm proposta biex isir dan is-*survey* u jiġi ppreżentat lill-awtoritajiet ċivili biex dan il-proġett ikun ikkunsidrat mill-Gvern Ċentrali. Ovvjament biex isir dan hemm spiża li għad trid tiġi approvata minn dan il-Kunsill.

22. L-aħħar punt li kien diskuss huwa dak tal-**pagamenti** li għad għandu pendenti l-Kunsill. Robert Musumeci aċċetta li jitnaqqsu l-kontijiet għal 65% u magħhom jiżded il-VAT. Hu kien għaldaqstant ukoll imħeġġeġ jibgħat *statement* li juri dan.

**23.** Il-Perit flimkien mal-assistent telqu fis-7:35pm u kompliet **tissokta l-agenda.**

24. Kienet moqrija **l-ittra tas-Sur Tarcisio Barbara** li dehret illum fil-ġurnal L-Orizzont. Hawn intqal li l-KLĦS diġa' għamel dak kollu possibbli biex il-volum qawwi ta' traffiku li kien jgħaddi minn Triq Valletta, Zurrieq ma jidħolx fil-qalba

tar-raħal waqt ir-rikostruzzjoni ta' din it-triq. Infatti kien innutat ukoll volum kbir ta' traffiku għaddej f'dawn l-aħħar jiem mid-*deviation routes*, propju minn Triq il-Kuċċard. Din it-triq verament hemm bżonn titwessa' f'postijiet minnhom, pero' dwar expropriation il-KLĦS m'għandu l-ebda delega u riżorsi biex dan jitwettaq minnu.

25. Inqrat **l-ittra tal-Ombudsman** li qed jitkellem f'isem Ms Olivia Sammut dwar projbizzjoni ta' parkeġġi fi Triq Bieb il-Ġarra. L-Ombudsman irrefera għall-ittra tal-25 ta' Awissu, 2009, li nqrat waqt din il-laqgħa. Id-deċiżjoni tal-Kunsill kienet illi dan hu każ ta' pika bejn il-ġirien u l-KLĦS mhux be ħsiebu jidħol fih.

26. Talba oħra li saret permezz ta' ittra li ġġib id-data tal-15 ta' Jannar, 2010, kienet tittratta l-**bankijiet tal-ħaġar biswit il-librerija pubblika**, dejjem fl-Iskola Primarja Ħal Safi. Din saret mill-Kap ta' l-Iskola. Il-Kunsill iddeċieda li jitlobha stima ta' dan biex ikun jista' jikkunsidra din it-talba f'laqgħa oħra.

27. Dwar waħda mill-Memos li ntbagħtet mid-Dipartiment Gvern Lokali, Publius Abdilla qal illi għandna **nikkunsidraw numru ta' siġar li jistgħu jitħawwlu** taħt il-ħajt fil-Ħlantun biex ikollna iktar ir-raħal iħaddar. Minkejja li għad m'għandniex risposta dwar min se jħawwel dawn is-siġar, se nistaqsu għal numru minnhom. Il-Viċi Sindku żied jgħid li jkun għajb għalina jekk jintilfu xi opportunita' li tista' tkun ta' gwadann għar-raħal fosthom biex nirrendu postijiet aċċessibbli. Issemmiet ukoll l-iskema tal-**pannelli fotovoltaiċi**. Din l-iskema reġa' ħariġha l-Ministeru u dawk li se japplikaw u jkunu għadhom ma utilizzawx il-fondi tas-sena l-oħra, jew ta' l-inqas ikunu ħarġu t-tender, mhux se jkunu kkunsidrati.

28. Kienet approvata l-***Payment Approval Sheet 40***.

29. Fil-garzelli tal-kunsillieri Anthony Bonello poġġa **kopja tal-liġi amendata, wara t-tiġdid tal-Kunsilli Lokali**. Din ingħatatlu meta hu kien attenda għal preżentazzjoni li saret lill-Kunsilli Lokali minn Dr Chris Said, f'nofs ta' nhar semina li nżamm apposta fil-Muniċipju ta' B'Kara.

30. Eddie Bonello semma' t-**trinka f'nofs Triq il-Kuċċard**. Hawn intqal li din ippaċċjawha u reġgħet niżlet. Għaldaqstant jonqos li din iduruha mill-ġdid.

31. Eddie Bonello semma' wkoll inkonvenjent fi **Triq Dun Gwann Zammit**. Hu qal li l-iskart tar-reċiklaġġ li jinġabar nhar ta' Tlieta, bir-riħ li għamel il-ġimgħa l-oħra, tferrex u għadu ma nġabarx minn ġol ħaxix ħażin. Għaldaqstant, hemm bżonn li **jgħaddi il-kennies** u jagħmel dan minħabba id-dehra kerha li hemm.

32. Il-Viċi Sindku qal li fi Triq il-Kuċċard k/m Triq San Ġwann hemm **ħofra** u ħadd ma' jista' jimxi. Din se ssir **bil-*patching*** fil-ġranet li ġejjin.

33. Kien hemm suġġeriment biex **is-*sleeping policeman* ta' Triq il-Biedja tiċċaqlaq**. Iżda xi wħud mill-kunsillieri qalu li tpoġġiha fejn tpoġġiha se tkun inkonvenjent għar-residenti. Francis Callus qal li jekk tinqala' minn fejn hi, hu jaqbel illi ma titwaħħal xejn, għaliex il-KLĦS jkun jidher li neħħa nkonvenjent minn quddiem xi ħadd u tefgħu quddiem ħaddieħor. Hu sostna li dan mhux ġust. Wara l-laqgħa tal-Kunsill il-kunsilliera marru fuq il-post u ddeċidew fejn għanda tigi mressqa.

34. Il-**laqgħa ntemmet fid-9:00pm** u l-Kunsill se jiltaqa' ħmistax-il ġurnata oħra.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 8/02/10 minn Pietru Pawl Busuttil
Għas-Segretarju Eżekuttiv Sindku